Nru. 18,230
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 17 ta' April, 2008
Thursday, 17th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Qormi.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Is-17 ta' April, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Qormi.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

17th April, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Valletta, nhar it-Tnejn 21, it-Tlieta 22 u l-Erbgħa 23 ta' April, 2008 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Qormi.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Is-17 ta' April, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Monday 21st, Tuesday 22nd and Wednesday 23rd April, 2008 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Qormi.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

17th April, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 23 ta' l-2008

Żona għall-Għawwiema f'Kemmuna

Skond ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ u skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi l-ebda bastiment jew dgħajsa jew xi klassi ta' bastiment jew dgħajsa oħra mhux awtorizzat ma jista' jirmiġġa jew ibaħħar u l-ebda persuna mhix awtorizzata ma tista' twettaq attivitajiet konnessi mas-sajd jew għadis taħt il-baħar f'Bejn il-Kmiemen, magħruf aħjar bħala l-Blue Lagoon, f'Kemmuna f'żona magħluqa bil-*co-ordinates* li ġejjin bejn l-1 ta' Mejju, 2008 u t-30 ta' Settembru, 2008. Din iż-żona qiegħda tiġi riservata biss għall-għawwiema.

Pożizzjonijiet *Positions*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
A	36°00'.83	14°19'.44
B	36°00'.84	14°19'.33
C	36°00'.75	14°19'.47
D	36°00'.74	14°19'.39

Żewġ *wire ropes* merfugħa minn *floats* li jaqsmu l-*lagoon* li jgħaqqdu l-pożizzjonijiet A ma' B u Ċ ma' D jiddelineaw l-inħawi pprojbiti. Il-*wire ropes* jistgħu jitwaħħlu ġimagħtejn qabel/wara d-dati stipulati.

Il-baħħara huma mwissija biex ibaħħru b'attenzjoni u veloċità baxxa meta jkunu qrib l-inħawi.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-pożizzjonijiet kollha jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart effettwata: BA 211.

Is-17 ta' April, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 23 of 2008

Comino - Swimmer's Zone

In terms of the Berthing Regulations, 1975 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), the Executive Director (Ports) directs that no unauthorized vessel or boat or any class of vessel or boat may berth or navigate and no unauthorized person may carry out activities connected with fishing and underwater diving at "Bejn il-Kmiemen", popularly known as Blue Lagoon, at Comino within the zone enclosed by the following co-ordinates between the 1st May 2008 and 30th September 2008. This zone is being reserved solely for bathers.

Two wire ropes supported by floats across the lagoon joining positions A with B and C with D will delineate the prohibited area. The wire ropes may be encountered two weeks before/after the stipulated dates.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the area.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

All positions are referred to WGS 84 DATUM.

Chart Affected: BA 211.

17th April, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali

Miżura 3.2 – Titjib fl-Ipproċessar u Promozzjoni ta' Prodotti Agrikoli

Korrezzjoni fl-Applikazzjoni u Linji ta' Gwida

Fejn tikkonċerna l-applikazzjoni għall-miżura 3.2, huwa importanti li tosserva li Taqsima 2: *Business Plan* għandha xi riferenzi dwar it-tabelli mehmużin. Dawn jinkludu:

Sezzjoni 2.1 – ***Propjetà Immobbli Eżistenti***

Din is-sezzjoni hija konnessa mat-tabella numru 1.

Sezzjoni 3.2 – ***Impiegi.***

Din is-sezzjoni hija konnessa mat-tabella numru 2.

Sezzjoni 4.1 – ***Informazzjoni dwar is-Suq tal-Materja Prima fl-Agrikoltura.*** (prodotti agrikoli użati bħala materja prima fl-ipproċessar)

Din is-sezzjoni hija konnessa mat-tabella numru 3.

Sezzjoni 6.1 – ***Informazzjoni dwar bejgħ tal-prodott ta' l-intrapriża.***

Din is-sezzjoni hija konnessa mat-tabella numru 4.

Sezzjoni 8.1 – ***Analiżi tal-'Balance Sheet'.***

Din is-sezzjoni hija konnessa mat-tabella numru 5.

Barra minnn hekk, fejn jikkonċernaw il-Linjigwida għall-miżura 3.2, huwa importanti li tosserva li Taqsima 5: **Azzjonijiet/Investimenti Mhux Eliġibbli**, li investimenti ta' pproċessar u promozzjoni ta' prodotti minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea huma eliġibbli.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fuq in-numru tat-telefon 2590 4268.

Is-17 ta' April, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Rural Development Department

Measure 3.2 – Improving the Processing and Marketing of Agricultural Products

Correction of Application Form and Guidelines

Concerning the Application Form for Measure 3.2, it is important to note that Part 2: Business Plan has some minor errors in the referencing of tables. These are:

Subsection 2.1 - ***Existing Immovable Property***

This section should refer to table 1.

Subsection 3.2 - ***Employment***

This section should refer to table 2.

Subsection 4.1 – ***Market data of agricultural raw materials*** *(agricultural products used as raw materials in processing)*

This section should refer to table 3.

Subsection 6.1 - ***Sales data for the product of the enterprise.***

This section should refer to table 4.

Subsection 8.1 - ***Balance sheet analysis***

This section should refer to table 5.

Furthermore, concerning the Guidelines relating to Measure 3.2, it is important to note that under sub section 5, **Non-Eligible Actions/Investments**, that investments relating to products from third countries are not ineligible.

Further information may be obtained from the Rural Development Department on telephone number 2590 4268.

17th April, 2008

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	€11.65 (Lm5.00)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99 (Lm3.00)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33 (Lm1.00)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33 (Lm1.00)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	€4.19 (Lm1.80)
Diskors tal-*Budget* 2008	€2.33 (Lm1.00)
Economic Bulletin – July 2007	€4.66 (Lm2.00)
Economic Survey 2007	€4.66 (Lm2.00)
Electoral Register, October 2007	€24.23 (Lm10.40)
Electoral Register, Local Councils, October 2007	€92.59 (Lm39.75)
Estimates 2008	€4.66 (Lm2.00)
Financial Report 2005	€6.99 (Lm3.00)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16 (Lm0.50)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33 (Lm1.00)
Legal Notices and Bye-Laws 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Malta's Parliament – An Official History	€41.93 (Lm18.00)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	€4.08 (Lm1.75)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33 (Lm1.00)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58 (Lm0.25)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08 (Lm1.75)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66 (Lm2.00)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49 (Lm1.50)
Portfolio Assessments	€9.32 (Lm4.00)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31 (Lm7.00)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49 (Lm1.50)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
The Press Act	€1.16 (Lm0.50)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99 (Lm3.00)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66 (Lm2.00)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*